MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 32/2004

**A.N.G. Borg Limited**

**vs**

**Victor Hili & Sons Limited**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ammont dovut rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kunsinjata lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali datata 15 ta' Marzu 2004."

Ra r-risposta:

"1. Preliminarjament is-socjeta' attrici trid iggib il-prova tal-konsenja tal-merkanzija li taghha qed titlob il-hlas;

2. Preliminarjament ukoll it-talba tas-socjeta’ attrici tinsab preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b), 2151, u 2156(f) tal-Kap.16;

3. Illi fil-meritu s-socjeta’ attrici mhijiex debitrici tas-socjeta’ attrici fl-ammont pretis;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi:

Ikkunsidra:

L-ewwel li sejra tigi kkunsidrata hija t-tieni eccezzjoni u cioe’ dik dwar il-preskrizzjoni skond tlett artikli differenti tal-Kodici Civili. Din qieghda tigi michuda billi (1) hija nkompatibbli mat-tielet eccezzjoni, li permezz taghha qieghed jigi kkontestat il-*quantum* u ghalhekk implicitament qieghed jigi ammess l-ezistenza tal-kreditu pretiz (2) kwalunkwe perjodu preskrittiv gie interrott (jekk kien ghadu ghaddej) jew irrinunzjat (jekk diga’ kien ghadda) bil-pagamenti akkont li saru; l-ahhar wiehed sahansitra sar ftit jiem wara li giet ipprezentata din il-kawza.

Bla dubbju, saret il-prova tal-konsenja, anke permezz tal-invoices iffirmati minn rapprezentanti tas-socjeta’ konvenuta. Is-socjeta konvenuta ippruvat titfa’ d-dubbji dwar jekk il-konsenji, jew uhud minnhom sarux lil kumpannija ohra li hemm b’isem simili, bla ma tressqet l-ebda prova dwar ir-rigward. Imbaghad, wara li nghalqu l-provi – fin-nota ta’ sotomissjonijiet responsiva taghha allegat li uhud mill-partiti tal-merkanzija gew ikkonsenjati lil Victor Hili personalment, u mhux lil Victor Hili & Sons, ghax fuq uhud mill-invoices hemm imnizzel l-isem ta’ Victor Hili. Ovvjament dan l-isem tnizzel mhux ghax Victor Hili kien qieghed jixtri personalment, imma sempliciment tnizzlu l-kliem *Victor Hili* fil-qosor ghall-isem shih tal-kumpannija – kif spiss isir fl-ghaggla tan-negozju. It-Tribunal ma jistax ma jikkumentax li din it-tip ta’ difiza

hija wahda frivola u fiergha ghall-ahhar. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija wkoll respinta

Bla bazi wkoll hija l-argomentazzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta fis-sens li fl-ammont mitlub iddahhal il-hlas tad-debt collector. Ghalkemm gew ipprezentati zewg ricevuti tad-debt collector, dawn ma ddahhlu bl-ebda mod fil-kont. L-ammont jirrizulta sodisfacentement kemm mill-invoices kif ukoll mill-istatement a fol 30 tal-process. Ghalhekk qeghda tigi michuda wkoll it-tielet eccezzjoni.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jilqa' in parti t-talba attrici billi jikkundanna lis-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' LM1,069.28c stante pagament ta' LM100 fil-mori tal-kawza bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali tal-15 ta' Marzu 2004 a kariku tal-konvenut u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-eventwali hlas effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------